# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' April, 2000.**

**Numru 63**

**Citaz. numru 1357/92 DS**

Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza ta' Galdes & Mamo Ltd. u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Ltd kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Charles Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza ta' Sterling Car Hire Ltd sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Charles Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza ta' Sterling Car Hire Ltd., u b'nota tal-15 ta' Ottubru 1999 is-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Ltd in rapprezentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc li assumiet id-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta` estera Royal Insurance Holdings Ltd kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Sterling Car Hire Ltd assumiet l-atti tal-kawza bhala attur minflok l-imsemmi Hugh P. Zammit nomine

vs

Emanuel Vella

Illum, 14 ta' April 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Novembru 1992 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi l-konvenut huwa debitur lejn l-atturi fis-

somma ta' sitt mija u sittax il-lira u erba' u disghin centezmu (Lm616.94) liema somma tirrapresenta danni kagunati fl-incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Mejju 1991 gewwa St. Andrews Street, Luqa, bejn il-vettura numru A-8431 u R-1858 misjuqa minn John Briffa u mill-konvenuta rispettivament, liema incident sehh minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu pero' baqa' inadempjenti.

talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

2. tillikwida dawn id-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' Lm616.94 jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta' danni, l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur nomine jrid jipprova li huwa surrogat skond il-ligi altrimenti l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fit-tieni lok, bla pregudizzju u subordinament ghas-suespost, in-nullita' tac-citazzjoni u dan stante li hija kontradittorja in terminis legali, li fil-waqt illi tippremetti li l-konvenut huwa debitur tal-attur nomine, fit-talbiet talab id-dikjarazzjoni tar-responsabbilta' tal-istess;

3. Illi fi kwelunkwe kaz, l-eccipjent mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Frar 1993 li permezz tieghu gie nominat l-Av. Dr. Simon Micallef Stafrace bhala perit legali;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-26 ta' Jannar 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Dwar l-ewwel eccezzjoni**: Din l-ewwel eccezzjoni ma tistax tirnexxi. Il-perit legali fir-relazzjoni tieghu jirreferi ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Dicembru 1991 fl-ismijiet "Edgar Galea noe vs John Tanti", fejn intqal li permezz ta' assikurazzjoni "comprehensive" l-assikuratur jintrabat kontrattwalment mal-assikurat li jhallas id-danni kagunati b'konsegwenza ta' incident awtomobilistiku jew ghal xi raguni ohra ndikata fil-polza. Una volta li l-assikuratur ikun hallas lit-terzi in virtu` tal-polza vigenti bejnu u l-assikurat tieghu, ikun gie validament surrogat fid-drittijiet tal-assikurat. Fil-kaz in ezami huwa evidenti li s-socjeta` attrici assikuratrici qed titlob ir-rifuzjoni ta' dak li hija halset in lineja ta' danni wara li l-assikurat taghha kien involut f'incident awtomobilistiku. U billi huwa normali li taht polza "comprehensive" l-assikurat ikollu jhallas "excess", l-assikurat f'dan il-kaz huwa wkoll parti fil-kawza bl-iskop li f'kaz ta' ezitu favorevoli jkun hemm rifuzjoni tat-totalita` tad-danni. Dwar dan kollu l-konvenut ma ressaq l-ebda prova kontrarja. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

**Dwar it-tieni eccezzjoni**: Il-Qorti tara din l-eccezzjoni bhala wahda ferm imgebbda. Huwa minnu li fil-korp tac-citazzjoni l-atturi jirreferu ghall-konvenut bhala "debitur", izda dan qed jaghmluh ghax iqisuh responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali. It-talbiet imbaghad m'huma xejn aktar hlief talba lill-Qorti biex tikkonferma dak li ghalihom jikkostitwixxi stat ta' fatt, cioe` dikjarazzjoni gudizzjarja tar-responsabbilta` tal-konvenut u kundanna tieghu biex ihallas id-danni. Probabilment kieku ma saritx it-talba biex il-Qorti tiddikjara r-responsabbilta` tal-konvenut, l-istess konvenut kien jeccepixxi n-nullita` ghax m'hemmx tali talba! Fl-ahhar mill-ahhar, kif tajjeb osserva l-perit legali, kelma nfelici fil-premessi m'ghandhiex fi kwalunkwe kaz twassal ghan-nullita' tac-citazzjoni. It-talbiet huma cari u inekwivoci. Din it-tieni eccezzjoni hija wkoll respinta.

**Dwar il-mertu**: Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova dwar l-incident in kwistjoni. L-atturi kienu skarsi f'dawk li huma provi izda mid-dokumenti esibiti wiehed jista' jasal ghall-konkluzjonijiet opportuni.

Jirrizulta li fl-1 ta' Mejju 1991 il-vettura Isuzu numru A-8431 proprjeta` ta' l-attur Charles Mifsud nomine kienet qed tinsaq minn certu John Briffa go St. Andrew's Street, Luqa fid-direzzjoni ta' l-iskola. Il-konvenut kien qed isuq il-vettura Toyota numru R-1858 fid-direzzjoni opposta.

P.S. 620 Stephen Bunce li nvestiga l-incident esebixxa kopja ta' l-iskizz flimkien mar-road accident report u ta' l-okkorrenza u kkonfermahom. Fir-road accident report l-incident gie deskritt fil-qosor hekk:

> *"Isuzu was on the left side of the road proceeding towards the Air-Port, the Toyota dashed into same, coming from the opposite direction."*

Fl-okkorrenza nsibu konferma ta' dan fejn l-imsemmi ufficjal jiddeskrivi x'qalulu s-sewwieqa:

> *"Speaking with the driver of the Isuzu same stated that whilst driving down St. Andrews Street, towards the school, noticed the Toyota coming from his opposite direction, stopped and on doing so the Toyota dashed into his right front.*
> *On the other hand the driver of the Toyota stated that whilst driving up St. Andrew Street towards the Church dashed into the Isuzu."*

L-iskizz innifsu huwa pjuttost elokwenti u juri l-Isuzu kompletament fuq in-naha taghha tat-triq u t-Toyota li nvadiet in-naha hazina tat-triq. Ghalhekk fl-assenza ta' provi kuntrarji jirrizulta li l-incident gara unikament tort tal-konvenut li fil-mument tal-habta sab ruhu fuq in-naha hazina tat-triq.

Id-danni mitluba mill-atturi fic-citazzjoni jammontaw ghal Lm616.94. Dawn ma gewx kontestati mill-konvenut. L-ircevuti C sa G esebiti minn Hugh Zammit fid-29 ta' Marzu 1994 ikopru l-ammont ta' Lm609.94. Biss jirrizulta li sar survey report mill-Kaptan Stephen Micallef u ghalhekk il-bilanc ta' Lm7 ikopri d-drittijiet ghall-imsemmi survey.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont mitlub ta' Lm616.94, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma ta' Lm616.94.

Bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejez kontra l-konvenut.

| | |
|---|---|
| D/REGISTRATUR | ONOR. IMHALLEF<br>DOTTOR DAVID SCICLUNA |